# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DECIZJONI NRU.1325

Kaz Nru 1599

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Karen Pace

u

Pollo d'Oro Ltd.,

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 8 ta' Awwissu 2002

**Chairman : i s-sur Franco Masini**

## 1.Introduzzjoni

Dan il-kaz gie mibghut lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici-Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fit-12 ta' Dicembru 2001 b'riferenza MSP/TI/89/2001 wara li l-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici f'isem Karen Pace kiteb lill-Onorevoli Ministru fejn qallu li l-istess Karen Pace kienet giet illicenzjatha kontra il-ligi mis-socjeta` Pollo d'Oro Ltd li maghha kienet tahdem. Ghall-Kumpanijja Appellata deher l-Avukat Kenneth Cutajar. Inzammu sitt seduti.

## 2.Fatti tal-Kaz

L-Appellanti kienet hadem bhala *salesgirl* f'wiehed mill-hwienet tal-Kumpanijja Appellata. Meta dahlet lura ghax-xoghol wara x-*shutdown* ta' Awwissu tal-2001 u bdiet tnaddaf u tiftah il-*freezers* gol-hanut xammet riha tinten hafna tant illi bdiet thossha hazin meta sabet pakkett laham li kien hzien. Hija cemplet lill-Principal taghha u skond hi dana qalla biex iccempel lis-*salesgirl* l-ohra li kienet hi li naddfet qabel inghalaq il-hanut lejliet ix-*shutdown.* Din fil-fatt irrifjutat li tmur u l-Appellanti ma kellhiex alternattiva ohra hlief li taghlaq il-hanut. Hija marret ghand tabib li iccertifika li kienet ma tiflahx. Wara nofsinhar il-Principal cemplilha u qallha biex l-ghada ma tmurx il-hanut izda tirrapporta fl-ufficcju tieghu. Meta ghamlet hekk huwa illicenzjaha. Il-Kumpanijja Appellata tirritjeni li t-tindif tal-hanut dejjem sar minn min jiftah il-hanut l-ewwel u peress li l-Appellanti dan ma ghamlitux dana kien jammonta ghal imgieba serja hafna li kien jimmerita t-tkeccija taghha. Il-Principal jghid ukoll illi meta minn fuq it-telefon qaltlu li ma tridx tnaddaf hi hu qalla li kien se jkecciha fatt li l-Appellanti tichad.

## 3.Konsiderazzjonijiet

Il-kaz kollu jinpernja ruhu fuq x'gara precizament qabel u wara x-*shutdown* ta' Awwissu 2001. L-Appellanti li kienet tahdem fil-hanut filghodu tghid illi qabel beda' ix-*shutdown* hija ssuggeriet li l-freezers kellhom jitbattlu u jintfew filghodu biex sa filghaxija jilhaq jinhall is-silg ta' go fihom peress illi l-hanut kien se jkun maghluq ghal xi granet. Das-suggeriment, li skond il-Kumpanijja Appellata mhux veru sar, ma giex milqugh u fil-fatt meta hi telqet minn fuq ix-xoghol ghal xi s-saghtejn ta' wara nofsinhar kollox kien baqa' kif fil-fatt kien. Warajha dahlet is-*salesgirl* l-ohra Doris Borg li kienet hi responsabbli ghall-isvujtar tal-freezers u t-tindif taghhom qabel ix-*shutdown*. Mid-dehra din halliet xi pakkett laham li eventwalment thassar u kien il-kagun tar-riha li xammet l-Appellanti. It-tezi tal-Kumpanijja Appellata hija li peress li l-Appellanti kien imissha xoghol filghodu, voldieri wara l-ftuh mill-gdid tal-hanut kien jinkombi lilha skond l-procedura li tnaddaf il-hanut. Il-Kumpanijja Appellata tghid li l-fatt li dan ma ghamlitux u iktar u iktar qabdet u ghalqet il-hanut kien juri mhux biss rifjut ta' ordni legittima tas-superjuri taghha izda wkoll abbandun tal-post tax-xoghol. Dana kollu kien jimmerita l-licenzjament taghha.

Element centrali ghal kaz kollu huwa r-riha li allegatament kienet kawzatha minn pakkett laham li thalla ghal ma' tul ix-*shutdown*. Min kien responsabbli ghal dan ? Kemm kienet intensa din ir-riha ? It-tindif qabel ix-*shutdown* sar minn Doris Borg. Ta' dan m'hemmx dubju ghax gie pruvat u ma kienx hemm kontestazzjoni dwaru. Din Doris Borg tidher illi ghamlet l-almu kollu taghha biex it-tindif isir sewwa tant li marret tghina l-istess tifla taghha. Ghalhekk ma jistghax jinghad li kien hemm traskuragni. Izda jekk ma ghandiex tort Doris Borg ta' dak li gara wisq inqas ghandha l-Appellanti li ma kienx jispetta lilha t-tindif fl-ahhar perijodu li l-hanut kien miftuh qabel ix-*shutdown* u li fill-fatt lanqas kienet prezenti ghax kienet spiccat mix-xoghol kmieni wara nofsinhar. Dwar l-intensita` tar-riha hemm ix-xhieda tal-istess Doris Borg li certament ma kelliex xi simpatija mal-Appellanti kif jirrizulta mill-provi. Din qalet li meta marret flok l-Appellanti wara x-*shutdown* ikkonfrontaha l-istess gar li qallha li ma' tul dak il-perijodu bir-riha li kien hemm lanqas seta jistieden nies ghandu ghall-festa u kien qieghed jahseb li jirrapporta s-Sanita`. Dan huwa konfermat ukoll mill-istess gar Karmenu Dimech fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal. Wiehed irid jiftakar li dan il-pakkett laham hazin kien maghluq go freezer u l-bieb tal-hanut kien maghluq f'dan il-perijodu. Dawn il-fatti jaghtu hjiel ta' kemm kienet qawwija r-riha li sahansitra ppenetrat sa barra..

Punt importanti iehor huwa x'intqal sew fil-konversazzjoni telefonika bejn l-Appellanti u Pippo Loporto, il-Principal. Dan ta' l-ahhar jghid li meta kellmitu l-Appellanti huwa qallha li jekk ma tibqax hemm kien sejjer jillicenzjaha. L-Appellanti tichad dan. Peress illi hemm kunflitt wiehed irid jistrieh fuq il-bilanc ta' probabbilita` biex jistabbilixxi l-verita`. Il-versjoni tal-Appellanti tidher iktar verosimili meta tqies ic-cirkostanzi kollha.

Il-punt krucjali huwa jekk il-licenzjament tal-Appellanti kinitx ghal raguni valida. Il-Kumpanijja Appellata tirritjeni li l-kawza principali tal-licenzjament hija li Karen Pace naqset li tobdi ordni legittima tas-superjuri taghha meta hija rrifjutat li tibqa fil-hanut. L-Appellanti tirritjeni li minhabba fir-riha li kien hemm li kienet insapportabbli u li kkawzatilha hass hazin ma ippermettitilix li tibqa hemm iktar. Ta' min jikkonsidra illi hija ma qabditx u telqet izda ghamlet dak kollu possibbli biex tigi rimpjazzatha. Hija zammet ukoll kuntatt mas-superjur taghha u telqet meta propju ma felhitx iktar. Ic-certifikat mediku u t-testimonjanza tat-Tabib Fenech isahhu ukoll it-tezi taghha. Anke jekk ghal grazzja tal-argument wiehed isostni li kabbret wisq l-incident ma tistax tghid illi ghamlet xi infrazzjoni tali li timmerita l-licenzjament taghha. It-Tribunal ma jistghax jinjora l-fatt ukoll li seta' wkoll kien hemm *health hazard* li kien ipoggi fi stat prekarju s-sahha tal-Appellanti.

**4. Decizjoni**

It-Tribunal jiddecidi li l-Appellanti Karen Pace giet licenzjatha mill-Kumpanijja Appellata Pollo d'Oro Ltd. ghal raguni li la hi gusta u lanqas sufficjenti.

**5. Kumpens**

It-Tribunal ma jhossx illi jkun prattikabbli li jordna r-riimpieg tal-Appellanti. Wara li ra l-Artikolu 33(2) tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) it-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens li ghandu jinghata lil Karen Pace mis-socjeta` Pollo d'Oro Ltd fl-ammont ta' £M1000. Dana ghandu jithallas in kwantu ghal £M500 immedjatament. Il-bilanc ghandu jithallas bir-rata ta' £M50 fil-gimgha bl-ewwel pagament isir fis-6 ta' Settembru 2002. Jekk tinqabez xi skadenza, tkun xi tkun ir-raguni, r-rimanenti bilanc isir *ipso facto* pagabbli minnufih.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

**6. Drittijiet**

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali nru 48 tal-1986 it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wiehed.

Franco Masini
Chairman

Emma Muscat
A/Segretarja